**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr.Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 114/12VG**

**Raymond Cutajar**

**Vs**

**L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**Illum 29 ta' Ottubru 2015**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Raymond Cutajar fil-15 ta' Mejju 2012 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal jiddikjara li huwa bl-ebda mod ma naqas mill-obbligi tieghu u konsegwentement jordna lill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta sabiex tirtira l-ittra taghha tat-23 ta' April 2012, kif ukoll tirtira l-penali ta' hames punti ekwivalenti ghal €55.00 minnha imposti fuqu minghajr raguni valida skond il-Ligi, bl-ispejjez kontra l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta;

Ra r-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema topponi ghall-appell tar-Rikorrent u titlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra tieghu, stante li: (i) l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet tieghu huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt; u li (ii) id-decizjoni taghha hija gusta, legali u gahndha tigi kkonfermata;

Ra d-dokument, ossia l-ittra ta' l-Awtorità intimata indirizzata lir-Rikorrent datata 23 ta' April 2012, esebita mir-Rikorrent permezz ta' Nota pprezentata fl-24 ta' Settembru 2012 a fol. 16 u 17 tal-process;

Sema' x-xhieda moghtija minn Lino Abela[1], Joseph Mifsud[2] u George Farrugia[3] waqt is-seduta tad-19 ta' Novembru 2012;

---

[1] Fol. 26 sa' 28 tal-process.
[2] Fol. 24 u 25 tal-process.

Ra li permezz ta' Nota pprezentata fil-25 ta' April 2014 l-Awtorità intimata ddikjarat illi ma hijiex se tkompli topponi ghall-appell interpost mir-Rikorrent u ghalhekk mhux se tkompli tinsisti fuq l-imposizzjoni tal-multa u l-penali fil-konfront tieghu u ghaldaqstant ma hemmx il-htiega ghall-prosegwiment ulterjuri tal-kaz in ezami[4];

Ra li in segwitu ghall-imsemmija Nota ta' l-Awtorità intimata r-Rikorrent, permezz ta' Nota pprezentata fis-27 ta' Ottubru 2014, ceda l-appell fil-meritu izda zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez[5];

Ra li waqt is-seduta tas-27 ta' Ottubru 2014 l-Awtorità intimata ssugeriet illi fil-kaz in ezami, il-kawza tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet kontendenti u ghalhekk kull parti thallas l-ispejjez taghha[6];

Ra li b'Digriet moghti fis-26 ta' Jannar 2015 it-Tribunal, a tenur ta' l-Artikolu 199(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, illibera lill-Awtorità intimata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez a karigu tar-Rikorrent u dana billi l-istess Rikorrent u d-Difesnur tieghu msejhin diversi drabi ghas-seduta tas-26 ta' Jannar 2015, li kienet specifikatament intiza ghall-informazzjoni dwar il-posizzjoni tar-Rikorrent dwar l-ispejjez fid-dawl ta' dak dikjarat mill-Awtorità intimata waqt is-seduta tas-27 ta' Ottubru 2014 bir-riserva esplicita li jekk ir-Rikorrent jew id-Difensur tieghu ma jidhrux il-kawza kienet se tibqa differita *sine die* jew addirittura kkancellata, baqghu ma dehrux[7];

Ra li b'Digriet moghti fit-30 ta' Jannar 2015, it-Tribunal, fuq talba tar-Rikorrent b'Rikors ipprezentat fit-28 ta' Jannar 2015, a tenur ta' l-Artikolu 199(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta mill-gdid appunta l-kawza ghas-smigh, a spejjez tar-Rikorrent[8];

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent ipprezentata fl-24 ta' Marzu 2015 a fol. 52 u 53 tal-process u ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-Awtorità intimata ipprezentata fil-15 ta' Gunju 2015 a fol. 57 tal-process;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent kien qed jikkontesta decizjoni ta' l-Awtorità intimata fil-konfront tieghu, notifikata lilu b'ittra datata 23 ta' April 2012[9], bis-sahha ta' liema gie ppenalizzat hames punti ta' penali, ekwivalenti ghal multa amministrattiva ta' €55.00, ghaliex *on the 20$^{th}$ April 2012 the Transport Malta Technical Unit Officers had carried out on site inspection in your VRT station.*

---

[3] Fol. 19 sa' 23 tal-process.
[4] Fol. 37 tal-process.
[5] Fol. 39 u 42 tal-process.
[6] Fol. 42 tal-process.
[7] Fol. 44 tal-process.
[8] Fol. 45 sa' 47 tal-process.
[9] Fol. 17 tal-process.

*During this inspection Transport Malta Technical Officers noted that the test carried out on vehicle bearing registration number DBF 465 was conducted without the presentation and verification with Transport Malta Log Book. The test was carried out by Raymond Cutajar licence No. LTD/38/98/56. In view that no Transport Malta registration document was available prior and during the VRT test, you are therefore being informed that according to Subsidiary Legislation 65.15 and its amendments L.N. 87 of 2012 you are in breach of regulation 16 and therefore you are being penalised according to the Twelfth Schedule item 10 of the same regulations.*

Ir-Rikorrent ikkontesta d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata in bazi ghall-aggravju li *ma jarax kif jista jigi penalizzat taht dan ir-regolament,* ossia r-Regolament 16 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, *meta dan ir-Regolament jipprovdi biss ghal meta l-"Operatur b'kuntratt ma jkunx obbligat li jaghmel test fuq il-vettura".*

L-Awtorità intimata da parte taghha inizjalment opponiet ghall-appell tar-Rikorrent mid-decizjoni taghha tat-23 ta' April 2012, in bazi ghall-eccezzjonijiet li l-allegazzjonijiet, pretensjonijiet u konsegwenti talba tar-Rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li d-decizjoni li hija hadet fil-konfront tieghu hija gusta u legali u b'hekk timmerita konferma. Ciò nonostante però fil-mori tal-proceduri odjerni u senjatament wara li l-istess thallew ghad-decizjoni fil-meritu, l-Awtorità intimata, permezz ta' Nota pprezentata fil-25 ta' April 2015, iddikjarat illi *ma hijiex qed tkompli topponi l-appell interpost mill-appellant u ghalhekk mhux se tkompli tinsisti fuq l-imposizzjoni tal-multa u l-penali fil-konfront tieghu. Illi konsegwentement m'hemm ebda htiega ghall-prosegwiment ta' dan il-kaz*[10].

In segwitu ghal tali dikjarazzjoni r-Rikorrent ceda l-appell tieghu mid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata tat-23 ta' April 2012 fil-meritu izda zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez[11]. L-Awtorità intimata rribattiet ghall-posizzjoni adottata mir-Rikorrent bis-suggeriment li l-kawza tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet kontendenti b'dana li kull parti tbaghti l-ispejjez taghha, suggeriment dan li ma giex accettat mir-Rikorrent li invece jinsisti li huwa qatt ma seta' jinstab in vjolazzjoni tar-Regolament 16 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 ghaliex dan jipprovdi biss *ghal meta l-"Operatur b'kuntratt ma jkunx obbligat li jaghmel test fuq il-vettura".*

In effetti fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu r-Rikorrent jikkontendi li *meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni c-cirkustanzi ta' dan il-kaz, u meta wiehed jara illi l-ittra tat-23 t'April tas-sena 2012 ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta kienet inharget ghax fil-fehma ta' l-Awtorità dak iz-zmien ir-rikorrenti kien naqas milli jaghmel xi haga li huwa kien semplicement skond il-Ligi "mhux obbligat" li jaghmel wiehed jista jasal ghall-konkluzzjoni li tali ittra ma missiex inharget mill-bidu nett. Huwa car li l-esponenti ma kellux alternattiva ghajr li jipprezenta l-appell tieghu ghal din l-ittra ta' l-Awtorità quddiem dan it-Tribunal sabiex huwa jissalvagwardja l-interessi tieghu.*

[10] Fol. 37 tal-process.
[11] Vide Nota ta' Cessjoni a fol. 39 tal-process u verbal tas-seduta tas-27 ta' Ottubru 2014 a fol. 42 tal-process.

Fid-dawl tan-Nota ta' Cessjoni tar-Rikorrent bis-sahha ta' liema jigi ribadit li filwaqt li ceda l-appell tieghu fil-meritu zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez, it-Tribunal ma jistax jastjeni ghal kollox milli jikkonsidra l-fatti relattivi u pertinenti ghall-kaz in ezami ghaliex huwa biss in bazi ghal tali konsiderazzjonijiet li jista' jasal ghal decizjoni finali dwar il-kap ta' l-ispejjez li, appuntu hija l-unika kwistjoni li ghadha pendenti bejn il-partijiet kontendenti.

Fil-kaz in ezami l-Awtorità intimata sabet illi r-Rikorrent, in vjolazzjoni ta' dak provdut fir-Regolament 16 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 kif applikabbli dak iz-zmien, ossia 2012, kien ghadda biex jesegwixxi VRT test fuq vettura minghajr ma kellu disponibbli l-*log book*, ossia d-dokument ta' registrazzjoni, ta' dik il-vettura u b'hekk ghaddiet biex timponi l-punti ta' penalità u multa amministrattiva relattivi. Ir-Regolament 16 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 kien fiz-zmien rilevanti, ossia fl-2012, jipprovdi li *operatur taht kuntratt* ***ma jkunx obbligat li jaghmel test fuq vettura tal-mutur meta***[12]***:*** *(a) l-applikant, meta jgib il-vettura ghat-test, ma jurix,* ***wara li jigi mistoqsi biex jaghmel hekk***[13]*, id-dokument ta' registrazzjoni ta' vettura li ghandu x'jaqsam mal-vettura, jew juri dokument ta' registrazzjoni ta' vettura li d-dettalji tieghu ma jkunux jaqblu mad-dettalji korretti tal-vettura li tingieb ghat-test.*

Ghalkemm ir-Rikorrent jishaq li dan ir-Regolament jittratta dwar ezoneru minn obbligu u jikkontendi li a bazi ta' hekk huwa qatt ma seta' jinstab in vjolazzjoni ta' tali provvediment, wiehed irid jara ghal liema obbligu qed issir referenza, ossia fir-rigward ta' liema obbligu japplika l-ezoneru kontemplat f'dak ir-Regolament partikolari: l-obbligu li jigi esegwit il-VRT test fuq vettura li tingieb fil-VRT station ghal tali skop jew l-obbligu li l-operatur tal-VRT station jew il-VRT tester ikollu disponibbli l-log book tal-vettura waqt it-test?

Fil-fehma tat-Tribunal l-ezoneru kontemplat fir-Regolament 16 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 japplika biss ghall-obbligu li jigi esegwit VRT test fuq vettura li tingieb fil-VRT station ghal tali skop u mhux ukoll/jew ghall-obbligu li l-operatur tal-VRT station jew il-VRT tester ikollu disponibbli l-log book tal-vettura waqt it-test.

Mill-provvedimenti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, Regolamenti dwar it-Testijiet biex jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba ghat-Triq, johrog car li operatur ta' VRT station ghandu **obbligu bil-Ligi** li jesegwixxi VRT test fuq vettura li tingieb fl-istation tieghu ghal tali skop. Dana l-obbligu jirrizulta b'mod car mir-Regolament 10 li jittratta dwar il-kondizzjonijiet ghal operatur b'kuntratt u senjatament mill-paragrafu (p) kif applikabbli fiz-zmien rilevanti ghal dawn il-proceduri: ***operatur m'ghandu jirrifjuta ebda test fuq xi vettura ta' kull zmien, marka jew tip li tkun fil-klassijiet li ghalihom tkun giet moghtija l-awtorizzazzjoni, hlief f'dawn ic-cirkostanzi li gejjin:-***[14] *(i) meta id-dettalji mnizzla fid-dokument tar-registrazzjoni ma jaqblux mad-dettalji*

[12] Enfasi tat-Tribunal.
[13] Enfasi tat-Tribunal.
[14] Enfasi tat-Tribunal.

*korretti tal-vettura…* Huwa fid-dawl ta' tali obbligu hekk dettat mill-Ligi li r-Regolament 16 ta' l-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja kien fiz-zmien rilevanti jipprovdi li *operatur taht kuntratt* ***ma jkunx obbligat li jaghmel test fuq vettura tal-mutur meta***[15]***:*** *(a) l-applikant, meta jgib il-vettura ghat-test, ma jurix, wara li jigi mistoqsi biex jaghmel hekk, id-dokument ta' registrazzjoni ta' vettura li ghandu x'jaqsam mal-vettura, jew juri dokument ta' registrazzjoni ta' vettura li d-dettalji tieghu ma jkunux jaqblu mad-dettalji korretti tal-vettura li tingieb ghat-test…*

Minn dawn iz-zewg regolamenti però jirrizulta implicitu obbligu iehor impost fuq l-operatur ta' VRT station u cioè l-obbligu li waqt il-VRT test fuq vettura huwa jew it-tester skond il-kaz ikollhom disponibbli d-dokument ta' registrazzjoni tal-vettura. Tant huwa obbligu dan illi r-Regolamenti in kwistjoni appuntu jipprovdu ghall-ezoneru ta' l-obbligu ta' l-esekuzzjoni tal-VRT test fuq vettura f'cirkostanza fejn id-dokument ta' registrazzjoni ma jkunx disponibbli.

Detto ciò però t-Tribunal ma jistax ma jikkumentax dwar il-mod xejn felici kif gie redatt ir-Regolament 16 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, partikolarment bl-uzu tal-frazi ***ma jkunx obbligat***, liema frazi setghet taghti lok, kif fil-fatt jidher tat lok ghal dubju dwar l-interpretazzjoni korretta ta' dak il-provvediment tal-Ligi. Illum ir-Regolament in kwistjoni jinsab redatt b'mod iktar car u korrett stante li in forza ta' emenda introdotta bl-Avviz Legali 149 ta' l-2014 jaqra u jipprovdi li: *operatur b'kuntratt* ***m'ghandux jaghmel test fuq vettura tal-mutur*** *meta: (a) l-applikant, meta jgib il-vettura ghat-test, ma jurix, meta jintalab, id-dokument ta' registrazzjoni ta' vettura li ghandu x'jaqsam mal-vettura, jew juri dokument ta' registrazzjoni tal-vettura li d-dettalji tiehgu ma jkunux jaqblu mad-dettalji korretti tal-vettura li tingieb ghat-test.*

Fil-fehma tat-Tribunal però il-mod xejn felici kif kien redatt ir-Regolament 16 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 fiz-zmien rilevanti, ossia fl-2012, ma jiggustifikax l-agir tar-Rikorrent li minkejja l-obbligu impost fuqu bil-Ligi ghadda biex jesegwixxi VRT test fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni DBF-465 minghajr ma kellu a disposizzjoni tieghu d-dokument ta' registrazzjoni ta' dik il-vettura, u dan kif ikkonfermat mill-Ufficjali ta' l-Awtorità intimata prezenti ghal tali test, Joseph Mifsud u George Farrugia, waqt is-seduta tad-19 ta' Novembru 2012.

Madanakollu però peress illi l-Awtorità intimata minn jeddha u b'mod unilaterali fil-mori ta' l-appell u senjatament fiz-zmien meta l-istess appell kien thalla ghad-decizjoni dwar il-meritu, iddikjarat li *ma hijiex qed tkompli topponi l-appell interpost mill-appellant u ghalhekk mhux se tkompli tinsisti fuq l-imposizzjoni tal-multa u l-penali fil-konfront tieghu. Illi konsegwentement m'hemm ebda htiega ghall-prosegwiment ta' dan il-kaz,* giet li rrendiet il-proceduri tar-Rikorrent ghal kollox inutili u nieqes minn kwalunkwe gustifikazzjoni ahharija.

---

[15] Enfasi tat-Tribunal.

Fic-cirkostanzi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li kull parti f'dawn il-proceduri ghandha tbaghti l-ispejjez giudizzjarji taghha b'dana appuntu li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet kontendenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal filwaqt illi jastejni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-appell tar-Rikorrent fil-meritu, jiddikjara li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet kontendenti, b'dana ghalhekk li kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**